KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
RANTOS
ippreżentati fit-2 ta’ Settembru 2021[1]

**Kawża C-176/20**

**SC Avio Lucos SRL**
**vs**
**Agenția de Plăți și Intervenție pentru Agricultură – Centrul județean Dolj, Agențiade Plăți și Intervenție pentru Agricultură (APIA) – Aparat Central**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Alba Iulia (il-Qorti tal-Appell ta’ Alba Iulia, ir-Rumanija))

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Agrikoltura – Politika agrikola komuni (PAK) – Skemi ta’ għajnuna diretta – Regoli komuni – Skema ta’ pagament uniku skont is-superfiċji – Regolament (UE) Nru 1307/2013 – Artikolu 4(1)(a) u (c) – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tikkundizzjona l-għajnuna diretta għaż-żamma mill-bidwi tal-annimali tiegħu stess – Artikolu 9(1) – Kunċett ta’ ‘bidwi attiv’ – Regolament (UE) Nru 1306/2013 – Artikolu 60 – Klawżola ta’ ċirkomvenzjoni – Kunċett ta’ ‘kundizzjonijiet maħluqa artifiċjalment’”

## I. Introduzzjoni

1. It-talba għal deċiżjoni preliminari preżenti tirrigwarda l-interpretazzjoni, minn naħa, tal-Artikolu 4(1)(a) u (c) u tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013[2], li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta’ appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni (PAK), u, min-naħa l-oħra, tal-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013[3], dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-PAK.

2. Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta’ kawża bejn SC Avio Lucos SRL (iktar ’il quddiem “Avio Lucos”) u l-Agenția de Plăți și Intervenție pentru agricultură – Centrul județean Dolj (l-Aġenzija ta’ Pagamenti u ta’ Intervent għall-Agrikoltura – Ċentru Dipartimentali ta’ Dolj, ir-Rumanija, iktar ’il quddiem l-“APIA Dolj”) u l-Agenția de Plăți și Intervenție pentru agricultură (APIA) – Aparat Central (l-Aġenzija ta’ Pagamenti u ta’ Intervent għall-Agrikoltura, ir-Rumanija,

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta’ appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU 2013, L 347, p. 608, rettifika fil-ĠU 2016, L 130, p. 7).

[3] Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-[PAK] u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU 2013, L 347, p. 549, rettifiki fil-ĠU 2016, L 130, p. 6, u fil-ĠU 2017, L 327, p. 83.).

iktar 'il quddiem l-"APIA") dwar talba għal annullament tad-deċiżjoni tal-Apia Dolj li tiċħad l-applikazzjoni għal pagament ta' Avio Lucos abbażi ta' skema ta' pagament uniku skont is-superfiċji għas-sena kummerċjali 2015.

3. Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-opportunità sabiex tinterpreta ż-żewġ regolamenti msemmija iktar 'il fuq[4], b'mod partikolari fil-kuntest ta' tilwimiet li jikkonċernaw l-APIA[5], din il-kawża tikkonċerna kwistjonijiet ġodda, li jikkonċernaw l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-miżuri ta' għajnuna diretta fil-kuntest tal-PAK. Iktar preċiżament, din il-kawża, li kienet is-suġġett ta' trattament ikkordinat mal-Kawża C-116/20[6], Avio Lucos, tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, sabiex tippreċiża sa fejn id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari ir-Regolament Nru 1307/2013, jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, adottata fil-kuntest ta' skema ta' pagament uniku skont is-superfiċji, li tipprevedi, bħala kundizzjoni ta' eliġibbiltà għall-pagament, li l-attività ta' ragħa mwettqa fuq ċerti superfiċji agrikoli titwettaq minn annimali mrobbija mill-bidwi innifsu u teskludi b'hekk l-għoti ta' għajnuna finanzjarja lil persuna (ġuridika jew fiżika) li teżerċita tali attività permezz ta' intermedjazzjoni. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tfittex li tikseb ukoll xi kjarifikazzjonijiet fuq il-kunċett ta' "bidwi attiv", li hemm f'dan ir-regolament, kif ukoll fuq il-klawżola ta' ċirkomvenzjoni prevista fl-Artikolu 60 tar-Regolament Nru 1306/2013.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

#### *1. Ir-Regolament Nru 1306/2013*

4. L-Artikolu 60 tar-Regolament Nru 1306/2013, intitolat "Klawsola ta' ċirkomvenzjoni", jiddisponi:

"Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet speċifiċi, ma għandu jingħata ebda vantaġġ previst fil-leġislazzjoni agrikola settorjali favur persuna fiżika jew ġuridika li dwarha jkun ġie stabbilit li l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-kisba ta' vantaġġi bħal dawn inħolqu artifiċjalment, kuntrarju għall-objettivi ta' dik il-leġislazzjoni."

4 Fir-rigward tal-ġurisprudenza dwar ir-Regolament Nru 1307/2013, ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-17 ta' Diċembru 2020, Land Berlin (Drittijiet għall-pagament marbuta mal-PAK) (C-216/19, EU:C:2020:1046), u tal-10 ta' Marzu 2021, Staatliches Amt für Landwirtschaft und Umwelt Mittleres Mecklenburg (C-365/19, EU:C:2021:189). Dwar ir-Regolament Nru 1306/2013, ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-7 ta' Awwissu 2018, Argo Kalda Mardi talu (C-435/17, EU:C:2018:637); tat-8 ta' Mejju 2019, Järvelaev (C-580/17, EU:C:2019:391), u tas-27 ta' Jannar 2021, De Ruiter (C-361/19, EU:C:2021:71).

5 Ara s-sentenza tad-29 ta' April 2021, Piscicola Tulcea u Ira Invest (C-294/19 u C-304/19, EU:C:2021:340), li tirrigwarda l-kunċett ta' "erja agrikola", fis-sens, b'mod partikolari, tal-Artikolu 4(1)(e) tar-Regolament Nru 1307/2013.

6 Filwaqt li l-Kawża C-116/20 tirrigwarda s-sena kummerċjali 2014 u li d-domandi magħmula jirrigwardaw b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-[PAK] u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003, (ĠU 2009, L 30, p. 16, rettifika fil-ĠU 2010, L 43, p. 7) din il-kawża tikkonċerna s-sena kummerċjali 2015, li għaliha d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1307/2013, li ssostitwixxa lir-Regolament Nru 73/2009, japplikaw.

*2. Ir-Regolament Nru 1307/2013*

5. Il-premessi 3, 7 u 10 tar-Regolament Nru 1307/2013 jistabbilixxu:

“(3) L-elementi bażiċi kollha relatati mal-pagamenti f’appoġġ mill-Unjoni lill-bdiewa għandhom jiġu inklużi f’dan ir-Regolament li għandu wkoll jiffissa l-kondizzjonijiet ta’ aċċess għall-pagamenti li huma intrinsikament marbuta ma’ dawk l-elementi bażiċi.

[…]

(7) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, is-setgħa li jiġu adottati ċerti atti għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment tal-qafas li fih l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-kriterji li għandhom jintlaħqu mill-bdiewa sabiex iwettqu l-obbligu li jżommu l-erja [s-superfiċji] agrikola fi stat adatt għar-ragħa jew il-kultivazzjoni […]

[…]

(10) L-esperjenza miksuba mill-applikazzjoni tad-diversi skemi ta’ appoġġ għall-bdiewa uriet li, f’għadd ta’ każijiet, l-appoġġ ingħata lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi li l-fini tan-negozju tagħhom ma kinitx jew kienet biss marġinalment immirata lejn attività agrikola. Sabiex jiġi żgurat immirar aħjar tal-appoġġ, l-Istati Membri għandhom jibqgħu lura milli jagħtu pagamenti diretti lil ċerti persuni fiżiċi u ġuridiċi sakemm tali persuni ma jkunux jistgħu juru li l-attività agrikola tagħhom mhix marġinali. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu wkoll li ma jagħtux pagamenti diretti lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħrajn li l-attività agrikola tagħhom hija marġinali. Madankollu, l-Istati Membri għandhom jitħallew jagħtu pagamenti diretti lil bdiewa part-time żgħar, billi dawk il-bdiewa jikkontribwixxu direttament għall-vitalità tal-erjas rurali. L-Istati Membri għandhom ukoll iżommu lura milli jagħtu pagamenti diretti lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi li l-erjas agrikoli tagħhom huma prinċipalment erjas miżmuma b’mod naturali fi stat adatt għar-ragħa jew il-kultivazzjoni u li ma jwettqux ċertu attività minima.”

6. L-Artikolu 4 ta’ dan ir-regolament, intitolat “Definizzjonijiet u dispożizzjonijiet relatati”, jiddisponi:

“1. Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

a) ‘bidwi’ tfisser persuna fiżika jew ġuridika, jew grupp ta’ persuni fiżiċi jew ġuridiċi, ikun x’ikun l-istatus legali mogħti lil tali grupp u l-membri tiegħu bil-liġi nazzjonali, li l-impriża tiegħu/tagħhom tkun fl-ambitu territorjali tat-Trattati, kif iddefinit fl-Artikolu 52 tat-TUE, flimkien mal-Artikoli 349 u 355 TFUE, u li jeżerċita attività agrikola;

b) ‘impriża’ tfisser l-unitajiet kollha użati għall-attivitajiet agrikoli mmexxija minn bidwi li jinsabu fit-territorju tal-istess Stat Membru;

c) ‘attività agrikola’ tfisser:

i) il-produzzjoni, it-trobbija jew it-tkabbir ta’ prodotti agrikoli, inklużi l-ħsad, it-taħlib, it-trobbija tal-annimali u ż-żamma tal-annimali għall-finijiet ta’ biedja,

ii) iż-żamma ta' erja agrikola fi stat li jagħmilha tajba għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni mingħajr azzjoni ta' tħejjija li tmur lil hinn mill-metodi u makkinarji agrikoli tas-soltu, abbażi ta' kriterji stabbiliti mill-Istati Membri abbażi ta' qafas stabbilit mill-Kummissjoni, jew

iii) it-twettiq ta' attività minima, definita mill-Istati Membri, fuq erjas agrikoli li huma miżmuma b'mod naturali fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni;

[…]

2. L-Istati Membri għandhom:

[…]

b) fejn applikabbli fi Stat Membru, jiddefinixxu l-attività minima li għandha titwettaq fuq erjas agrikoli li jinżammu b'mod naturali fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni, kif imsemmi fil-punt (c)(iii) tal-paragrafu 1;

[…]

3. Sabiex tiġi żgurata ċertezza legali, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 70 li jistabbilixxi:

[…]

b) il-qafas li fih l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-attivitàminima li trid titwettaq fuq erjas agrikoli li jinżammu b'mod naturali fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni, kif imsemmi fil-punt (c)(iii) tal-paragrafu 1;

[…]"

7. L-Artikolu 9 tal-imsemmi regolament, intitolat "Bidwi attiv", jipprevedi, fil-paragrafi 1 sa 3:

"1. Ma għandu jingħata l-ebda pagament dirett lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, jew lil gruppi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, li ż-żoni agrikoli tagħhom huma fil-biċċa l-kbira żoni miżmuma b'mod naturali fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni u li ma jwettqux l-attività minima definita mill-Istati Membri skont il-punt (b) tal-Artikolu 4(2) f'dawk iż-żoni.

2. Ma għandu jingħata l-ebda pagament dirett lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, jew lil gruppi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, li jħaddmu ajruporti, kumpanniji tal-ferrovija, sistemi tal-infrastruttura tal-ilma, kumpanniji li jbigħu l-proprjetà, postijiet permanenti fejn isiru sports u attivitajiet rikreattivi.

Fejn adegwat, l-Istati Membri għandhom, abbażi ta' kriterji oġġettivi u-nondiskriminatorju, jiddeċiedu li jżidu mal-lista fl-ewwel subparagrafu kwalunkwe negozju jew attività simili oħra li mhix agrikola, u jistgħu sussegwentement jiddeċiedu li jneħħu kwalunkwe żieda bħal din.

Persuna jew grupp ta' persuni li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-ewwel jew it-tieni subparagrafu għandu, madankollu, jitqies bħala bidwi attiv jekk dan jipprovdi evidenza verifikabbli, fil-forma meħtieġa mill-Istati Membri, li turi kwalunkwe minn dawn li ġejjin:

a) li l-ammont annwali tal-pagamenti diretti huwa mill-inqas 5 % tal-irċevuti totali li kiseb minn attivitajiet mhux agrikoli fis-sena fiskali l-aktar reċenti li għaliha hija disponibbli tali evidenza;

b) li l-attivitajiet agrikoli tiegħu mhumiex insinifikanti;

c) li l-objettivi prinċipali tan-negozju jew tal-kumpannija tiegħu jikkonsistu fl-eżerċitar ta' attività agrikola.

3. Barra mill-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, abbażi ta' kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji, li l-ebda pagament dirett ma għandu jingħata lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, jew lil gruppi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi:

a) li l-attivitajiet agrikoli tagħhom ikunu biss jagħmlu parti insinifikanti mill-attivitajiet ekonomiċi ġenerali tagħhom; u/jew

b) li l-attività prinċipali jew l-objettivi tal-kumpannija tagħhom ma jikkonsistux fl-eżerċizzju ta' attività agrikola..

[…]"

8. Konformement mal-Artikolu 74 tiegħu, ir-Regolament Nru 1307/2013 sar applikabbli fl-1 ta' Jannar 2015.

*3. Ir-Regolament ta' Delega Nru 639/2014*

9. Il-premessi 4, 6, 10 u 16 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 639/2014[7], jistabbilixxu:

"(4) F'konformità mal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea […], jixraq li jiġi ċċarat li l-Istati Membri, meta jiġu biex jadottaw miżuri għall-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni, għandhom jużaw is-setgħa diskrezzjonali tagħhom filwaqt li josservaw ċerti prinċipji, inkluż, b'mod partikolari, il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni.

[…]

(6) F'konformità mal-Artikolu 4(1)(c) tar-Regolament [Nru 1307/2013], 'attività agrikola' ma teħtieġx il-produzzjoni, it-trobbija jew it-tkabbir ta' prodotti agrikoli. Il-bdiewa minflok jistgħu jżommu żona agrikola fi stat li jkun tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni mingħajr azzjoni preparatorja li tmur lil hinn mill-metodi u l-makkinarji agrikoli tas-soltu jew, f'żoni agrikoli miżmuma b'mod naturali fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni, iwettqu ċerta attività minima. Billi ż-żewġ attivitajiet tal-aħħar, it-tnejn jeħtieġu ċerta azzjoni min-naħa tal-bidwi, jeħtieġ li jiġi stabbilit qafas tal-Unjoni li fi ħdanu l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-kriterji ulterjuri għal dawn l-attivitajiet.

[…]

[7] Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 u li jemenda l-Anness X ta' dak ir-Regolament (ĠU 2014, L 181, p. 1).

(10) L-Artikolu 9(1) tar-Regolament [Nru 1307/2013] jeħtieġ li ma jingħata ebda pagament dirett lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, jew lil gruppi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, li ż-żoni agrikoli tagħhom huma prinċipalment żoni miżmuma b'mod naturali fi stat xieraq għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni u li ma jwettqux, f'dawn iż-żoni, l-attività minima ddefinita mill-Istati Membri. Għal dan il-għan, jeħtieġ li jiġi ddeterminat meta tali żoni għandhom jiġu kkunsidrati bħala l-parti ewlenija tal-art agrikola ta' bidwi u li jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni.

[…]

(16) F'konformità mal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea […], id-drittijiet għall-pagament għandhom jingħataw lill-persuna li għandha s-setgħa li tieħu d-deċiżjonijiet, il-benefiċċji u r-riskji finanzjarji marbuta mal-attività agrikola fuq l-art li għaliha qed tintalab din l-allokazzjoni. Huwa xieraq li jiġi ċċarat li dan il-prinċipju japplika b'mod partikolari meta ettaru eliġibbli huwa soġġett għal applikazzjoni għal allokazzjoni ta' drittijiet għall-pagament minn aktar minn bidwi wieħed."

10. L-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament ta' delega, intitolat "Qafas għall-kriterji dwar iż-żamma taż-żona agrikola fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni", jipprevedi:

"1. Għall-finijiet tal-punt (ii) tal-Artikolu 4(1)(c) tar-Regolament [Nru 1307/2013], il-kriterji li l-bdiewa għandhom jissodisfaw sabiex itemmu l-obbligu li jżommu ż-żona agrikola fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni mingħajr azzjoni preparatorja li tmur lil hinn mill-metodi u l-makkinarji agrikoli tas-soltu, għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri b'wieħed miż-żewġ modi li ġejjin jew bit-tnejn li huma:

a) L-Istati Membri jeħtieġu li bidwi jwettaq mill-anqas attività annwali waħda. Meta jkunu ġġustifikati minħabba raġunijiet ambjentali, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jirrikonoxxu wkoll attivitajiet li jitwettqu biss darba kull sentejn;

b) L-Istati Membri jistabbilixxu l-karatteristiċi li għandhom jiġu ssodisfati minn żona agrikola sabiex tkun tista' titqies li hija miżmuma fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni.

2. Meta jistabbilixxu l-kriterji msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jiddistingwu bejn tipi ta' żoni agrikoli differenti."

11. L-Artikolu 5 tal-imsemmi regolament ta' delega, intitolat "Qafas għall-attivitajiet minimi f'żoni agrikoli miżmuma b'mod naturali fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni", jipprevedi:

"Għall-finijiet tal-punt (iii) tal-Artikolu 4(1)(c) tar-Regolament [Nru 1307/2013], l-attività minima li trid tiġi stabbilita mill-Istati Membri li għandha titwettaq f'żoni agrikoli miżmuma b'mod naturali fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni għandha tkun mill-anqas attività annwali waħda mwettqa minn bidwi. Fejn ikun ġustifikat minħabba raġunijiet ambjentali, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jirrikonoxxu wkoll attivitajiet li jitwettqu biss darba kull sentejn."

12. L-Artikolu 10 tal-istess regolament ta' delega, li jidher taħt it-Taqsima 3, intitolata "Bidwi attiv" u huwa nnifsu intitolat "Każijiet meta ż-żoni agrikoli huma prinċipalment żoni miżmuma b'mod naturali fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni", jinqara kif ġej:

"1. Għall-finijiet tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament [Nru 1307/2013] persuna fiżika jew ġuridika, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, għandhom jitqiesu li għandhom żoni agrikoli li huma prinċipalment żoni miżmuma b'mod naturali fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni, fejn tali żoni jirrappreżentaw aktar minn 50% taż-żona agrikola kollha ddikjarata f'konformità mal-Artikolu 72(1)(a) tar-Regolament [Nru 1306/2013].

2. L-Artikolu 9(1) tar-Regolament [Nru 1307/2013] ma għandux japplika għal persuna fiżika jew ġuridika, jew għal grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jwettqu, f'żoni miżmuma b'mod naturali fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni, attività agrikola skont it-tifsira tal-punt (i) tal-Artikolu 4(1)(c) tar-Regolament [Nru 1307/2013]."

## *B. Id-dritt Rumen*

### *1. Il-Kodiċi Ċivili*

13. L-Artikolu 2.146 tal-Kodiċi Ċivili, adottat permezz tal-legea nr. 287 privind Codul civil (il-Liġi Nru 287 tas-17 ta' Lulju 2009[8]), dwar self għal uzu, jipprevedi li, "[i]s-self għal użu huwa l-kuntratt mingħajr ħlas li permezz tiegħu, parti, imsejħa "komodant" tgħaddi proprjetà mobbli jew immobbli lill-parti l-oħra, imsejħa "komodatarju", sabiex din tal-aħħar tużaha, bl-obbligu li tagħti lura l-proprjetà wara ċertu żmien."

### *2. L-OUG Nru 34/2013*

14. L-Artikolu 2 tal-Ordonanța de urgență Nru 34 privind organizarea, administrarea și exploatarea pajiștilor permanente și pentru modificarea și completarea Legii fondului funciar nr. 18/1991 (id-Digriet ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 34/2013 li jikkonċerna l-Organizzazzjoni, l-Amministrazzjoni u l-Użu ta' Bwar Permanenti, li Jemenda u Jikkompleta l-Liġi dwar il-Fondi tal-Artijiet Nru 18/1991[9] tat-23 ta' April 2013 jipprevedi:

"Fis-sens ta' dan id-digriet ta' emerġenza, it-termini u l-espressjonijiet li ġejjin għandhom ifissru:

[…]

c) 'unità grossa ta' bhejjem (UGB)'– unità ta' kejl standard stabbilita fuq il-bażi tal-ħtiġijiet ta' nutrizzjoni ta' kull tip ta' annimal li tippermetti li sseħħ konverżjoni bejn kategoriji differenti ta' annimali

[…]"

[8] *Monitorul Oficial al României*, Nru 505 tal-15 ta' Lulju 2011.

[9] *Monitorul Oficial al României*, Nru 267 tat-13 ta' Mejju 2013, iktar 'il quddiem l-"OUG Nru 34/2013".

*3. L-OUG Nru 3/2015*

15. L-Artikolu 2 tal-Ordonanța de urgență a Guvernului (OUG) nr. 3 pentru aprobarea schemelor de plăți care se aplică în agricultură în perioada 2015-2020 și pentru modificarea articolului 2 din Legea nr. 36/1991 privind societățile agricole și alte forme de asociere în agricultură (Digriet ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 3 li Japprova l-Iskemi ta' Pagament Applikabbli fl-Agrikoltura Applikabbli fl-Agrikoltura għall-Perijodu 2015-2020 u Jemenda l-Artikolu 2 tal-Liġi Nru 36/1991 dwar il-Kumpanniji Agrikoli u ta' Forom Oħra ta' Assoċjazzjoni fl-Agrikoltura), tat-18 ta' Marzu 2015, fil-verżjoni tagħha fis-seħħ fil-1 ta' Lulju 2015 [10], jipprevedi:

"(1) Għall-finijiet tad-digriet ta' urġenza preżenti, il-kliem li ġejjin huma ddefiniti kif ġej:

[…]

f) 'bidwi': persuna fiżika jew ġuridika jew taħt il-forma ta' assoċjazzjoni ma' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, ikun xi jkun l-istatus ġuridiku, li l-impriża tagħhom tinsab fit-territorju tar-Rumanija u li jeżerċitaw attività agrikola;

[…]

(2) Fis-sens tal-paragrafu 1(f), l-espressjoni 'attività agrikola' tfisser, skont il-każ:

[…]

d) l-eżerċizzju ta' attività minima fuq is-superfiċji agrikoli miżmuma b'mod naturali fi stat adatt għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni, permezz tar-ragħa, billi jiżguraw densità ta' 0.3 UGB [l-ettaru] b'annimali mrobbija mill-bidwi jew mill-mowing annwali fuq il-bwar permanenti, konformement mad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni speċifika fil-qasam tal-bwar. […]"

16. L-Artikolu 7 tal-OUG Nru 3/2015 jipprevedi:

"(1) Il-benefiċjarji tal-pagamenti huma l-bdiewa attivi[,] persuni fiżiċi u/jew ġuridiċi li jeżerċitaw attività agrikola bħala utenti ta' superfiċji agrikolu u/jew proprjetarji legali ta' annimali, konformement mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ. […]

[…]"

17. L-Artikolu 8 tal-OUG Nru 3/2015 jinqara kif ġej:

"(1) Sabiex jibbenefikaw mill-pagamenti diretti previsti fl-Artikolu 1(2), il-bdiewa għandhom:

[…]

c) jużaw xi artijiet agrikoli ta' superfiċji minima ta' ettaru; il-ħbula tal-art agrikoli għandhom ikollhom superfiċji minima ta' 0.3 ettaru, u, fil-każ ta' serer, solariums, vinji, ġonna tas-siġar, ħops, mixtliet u sġajriet tal-frott, il-ħabel tal-art għandu jkollu superfiċji minima ta' 0.1 ettaru u/jew jew ikun il-każ, iżommu numru minimu ta' annimali. […]

10 *Monitorul Oficial al României*, Nru 191 tat-23 ta' Marzu 2015, iktar 'il quddiem l-"OUG Nru 3/2015".

[…]

n) jippreżentaw, waqt il-preżentata tal-applikazzjoni għal pagament uniku jew ta' xi emendi mwettqa fuq din, id-dokumenti neċessarji li juru l-użu ta' artijiet agrikoli, inklużi dawk li fihom żoni ta' interess ekoloġiku, kif ukoll xi annimali. […]

[…]

(6) Id-dokumenti li juru l-użu ta' artijiet agrikoli u ż-żamma ta' bhejjem huma ddeterminati permezz ta' ordni tal-ministrul agriculturii, pădurilor și dezvoltării rurale (il-Ministru għall-Agrikoltura u għall-Iżvilupp Rurali) u huma ppreżentati, skont il-każ, mill-applikanti kollha, waqt il-preżentata tal-applikazzjoni għal pagament uniku. Is-superfiċji jew il-bhejjem li għalihom dawn id-dokumenti ma jiġux ippreżentati, ma humiex ammissibbli għall-pagament."

*4. L-Ordni Nru 619/2015*

18. L-Artikolu 2 tal-Ordinul ministrului agriculturii și dezvoltării rurale nr. 619 pentru aprobarea criteriilor de eligibilitate, condițiilor specifice și a modului de implementare a schemelor de plăți prevăzute la articolul 1 alineatele (2) și (3) din Ordonanța de urgență a Guvernului nr. 3/2015 pentru aprobarea schemelor de plăți care se aplică în agricultură în perioada 2015-2020 și pentru modificarea articolului 2 din Legea nr. 36/1991 privind societățile agricole și alte forme de asociere în agricultură, precum și a condițiilor specifice de implementare pentru măsurile compensatorii de dezvoltare rurală aplicabile pe terenurile agricole, prevăzute în Programul Național de Dezvoltare Rurală 2014-2020 (l-Ordni tal-Ministru għall-Agrikoltura u għall-Iżvilupp Rurali Nru 619 li japprova l-kriterji ta' ammissibbiltà, tal-kundizzjonijiet speċifiċi u tal-modalitajiet ta' implimentazzjoni tal-iskemi ta' pagament previsti fl-Artikolu 1(2) u (3), tal-[OUG Nru 3/2015], kif ukoll tal-kundizzjonijiet speċifiċi tal-implementazzjoni tal-miżuri kumpensatorji tal-iżvilupp rurali applikabbli għall-artijiet agrikoli msemmija fil-programm nazzjoni ta' żvilupp rurali 2014-2020), tas-6 ta' April 2015, fil-verżjoni tagħha fis-seħħ fil-1 ta' Lulju 2015 [11], jiddisponi:

"Għall-finijiet ta' din l-ordni:

[…]

m) 'min iżomm l-annimali'– tfisser persuna li għandha l-pussess tal-annimali b'mod permanenti, bħala proprjetarju tal-annimali u/jew proprjetarju tal-impriża tagħhom, u b'mod temporanju, bħala l-persuna responsabbli sabiex tieħu ħsiebhom waqt is-sena li għaliha ssir l-applikazzjoni, fejn l-annimali huma miżmuma fuq il-bażi ta' dokument stabbilit taħt il-kundizzjonijiet previsti mil-leġiżlazzjoni fis-seħħ;

[…]"

19. L-Artikolu 7(3) ta' din l-ordni jipprevedi:

"L-utenti tal-bwar permanenti, persuni fiżiċi jew ġuridiċi, irregolati mid-dritt privat, minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu (1) u fl-Artikolu 6(1), li jeżerċitaw mill-inqas attività agrikola minima fuq il-bwar permanenti għad-dispożizzjoni tagħhom taħt il-kundizzjonijiet tal-liġi, kif

[11] *Monitorul Oficial al României*, Nru 234 tas-6 ta' April 2015, iktar 'il quddiem l-"Ordni Nru 619/2015".

iddefiniti fl-Artikolu 2(2)(d), tal-[OUG Nru 3/2015], bħala bdiewa attivi, jippreżentaw, waqt il-preżentata tal-applikazzjoni għal pagament uniku fi ħdan l-APIA, id-dokumenti previsti fl-Artikolu 5(1) u (2)(a), (b)(i)[,] (c) u (d) kif ukoll, skont il-każ:

a) kopja tal-karta tal-operat żootekniku li fiha l-annimali huma rreġistrati jew ċertifikat maħruġ mill-veterinarju indipendenti awtorizzat, li juri l-kodiċi tal-impriża agrikola mniżżla fir-reġistru nazzjonali tal-impriżi, validu fid-data tal-preżentata tal-applikazzjoni għal pagament uniku, fil-każ fejn il-proprjetarju tal-bwar permanenti jżomm l-annimali li għalihom, densità minima ta' 0.3 UGB [l-ettaru] ġie assigurat;

[...]"

20. L-Artikolu 8(1) tal-imsemmija ordni jinqara kif ġej:

"Id-dokumenti dwar iż-żamma legali tal-annimali li huma ppreżentati konformement mal-Artikolu 8(1)(n) tal-[OUG Nru 3/2015] huma previsti mill-Ordni tal-[Autoritatea Națională Sanitară Veterinară și pentru Siguranța Alimentelor (l-Awtorità Nazzjonali tas-Saħħa Veterinarja u tas-Sigurtà tal-Ikel) Nru 40/2010.

[...]"

## III. Il-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

21. Avio Lucos hija kumpannija rregolata mid-dritt Rumen, li għandha bħala attività prinċipali l-"attivitajiet ta' għajnuna għall-kultivazzjoni".

22. Fl-1 ta' Lulju 2015, Avio Lucos ippreżentat quddiem l-APIA Dolj applikazzjoni għal pagament abbażi tal-iskema ta' pagament uniku skont is-superfiċji għas-sena kummerċjali 2015, għal superfiċji ta' 170.36 ettaru ta' mergħat, jiġifieri ta' bwar permanenti komunali għall-użu individwali.

23. Għal dan il-għan, hija ppreżentat serje ta' dokumenti, fosthom kuntratt ta' konċessjoni, konkluż fit-28 ta' Jannar 2013, flimkien mal-Kunsill Muniċipali tal-Komun ta' Podari (ir-Rumanija), dwar mergħa li tinsab f'dan il-komun [12] (iktar 'il quddiem il-"kuntratt ta' ċessjoni"), kif ukoll 6 kuntratti ta' komodat (self għal użu) li hija kkonkludiet f'April 2015, flimkien ma' proprjetarji differenti ta' annimali, li abbażi tagħhom, Avio Lucos awtorizzat lil dawn il-proprjetarji sabiex jirgħu lill-annimali tagħhom b'xejn, fuq l-art li rċiviet b'konċessjoni (iktar 'il quddiem il-"kuntratti ta' komodat"). Barra minn hekk, fit-talba tagħha għal pagament uniku, Avio Lucos indikat li kienet iżomm xi annimali li kkontribwixxew għall-attività agrikola tagħha, jiġifieri 24 ifrat ta' iktar minn sentejn, fart ta' inqas minn sitt xhur, kif ukoll 60 mogħża u 20 annimal ekwin (żwiemel) ta' iktar minn sitt xhur.

24. Permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Ottubru 2017, l-APIA Dolj ċaħdet l-applikazzjoni għal pagament uniku, minħabba nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà, minħabba l-fatt li Avio Lucos ma kinitx assigurat id-densità minima ta' 0.3 unità ta' bhejjem għal kull ettaru

[12] Dan il-kuntratt kien ġie konkluż għal konċessjoni ta' superfiċji ta' mergħa, inizjalment ta' 341.70 ettaru, sussegwentement imnaqqsa, wara l-emenda tal-kuntratt fil-25 ta' Ġunju 2015, għal 170.36 ettaru. Dan kien il-kuntratt ta' konċessjoni li kien inkwistjoni wkoll fil-Kawża C-116/20.

(iktar 'il quddiem "id-densità minima meħtieġa") għat-totalità tal-superfiċji ta' ragħa ta' 170.36 ettaru. Skont l-APIA Dolj, ir-ragħa kien, fil-fatt, jitwettaq mill-proprjetarji tal-annimali previsti fil-punt preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet, u mhux minn Avio Lucos, li ma kinitx iżomm biżżejjed annimali hija nnifisha sabiex tosserva d-densità minima meħtieġa.

25. Avio Lucos ippreżentat ilment minn qabel kontra din id-deċiżjoni, li ġiet miċħuda mill-APIA Dolj permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Jannar 2018.

26. Avio Lucos ressqet rikors kontra ż-żewġ deċiżjonijiet tal-APIA Dolj quddiem it-Tribunalul Dolj – Secția de contencios administrativ și fiscal (il-Qorti ta' Dolj, ir-Rumanija – Sezzjoni Amministrattiva u Fiskali, ir-Rumanija, iktar 'il quddiem il-"Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Dolj"), li ċaħdet lil dan permezz tad-deċiżjoni tat-28 ta' Jannar 2018.

27. Essenzjalment, il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Dolj ibbażat iċ-ċaħda tal-applikazzjoni għal pagament uniku ppreżentata minn Avio Lucos fuq in-nuqqas ta' osservanza tad-densità minima meħtieġa għat-totalità tas-superfiċji ta' ragħa ta' 170.36 ettaru. B'mod iktar speċifiku, din il-qorti invokat *ex officio* żewġ eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà, ibbażati, minn naħa, fuq in-nullità tal-kuntratt ta' konċessjoni [13] u, min-naħa l-oħra, fuq in-nullità tal-kuntratti ta' komodat [14]. Essenzjalment, l-imsemmija qorti kkunsidrat li l-kuntratt ta' konċessjoni kien ġie konkluż bi ksur tad-dritt nazzjonali, peress li, b'mod partikolari, Avio Lucos ma kellhiex il-kwalità ta' min irabbi l-annimali fid-data tal-konklużjoni ta' dan il-kuntratt u li d-densità minima rikjesta kellha tiġi rrispettata f'din id-data, u mhux sussegwentement. Peress li ma kellhiex id-dritt li tieħu b'konċessjoni r-ragħa tal-komun ta' Podari, it-talba tagħha għal pagament uniku hija inammissibbli. Għaldaqstant, Avio Lucos kienet ħolqot kundizzjonijiet artifiċjali sabiex tibbenefika minn pagament fil-kuntest tal-iskema ta' għajnuna finanzjarja, bl-għan esklussiv li tikseb vantaġġ kuntrarju għal din l-iskema. Konsegwentement, minkejja l-osservanza formali tal-kriterji previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, id-dokumenti ppreżentati minn Avio Lucos insostenn tat-talba tagħha għal pagament uniku ma setgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex isostnu dan. Fl-aħħar, interpretazzjoni estensiva tal-kunċett ta' "min irabbi l-annimali", tkun kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni, peress li l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu jibbażaw ruħhom esklussivament fuq id-data li tidher fis-sistema nazzjonali ta' identifikazzjoni u ta' reġistrazzjoni individwali tal-annimali sabiex jirrifjutaw l-għajnuna mitluba, mingħajr ma jipproċedu għal iktar verifiki, konformement mas-sentenza tal-21 ta' Lulju 2011, Nagy (C-21/10, EU:C:2011:505).

28. Avio Lucos ippreżentat appell kontra din id-deċiżjoni, li bħalissa huwa pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Curtea de Apel Alba Iulia (il-Qorti tal-Appell ta' Alba Iulia, ir-Rumanija), li fih hija sostniet speċifikament li l-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Dolj kienet ikkonkludiet b'mod żbaljat li kien hemm nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjoni ta' ammissibbiltà, jiġifieri n-natura ta' proprjetarju/persuna li trabbi l-annimali. Fil-fatt, il-kwalità jew l-assenza tal-kwalità ta' min irabbi l-annimali ma tkunx rilevanti u ma tistax twassal għaċ-ċaħda tal-applikazzjoni tagħha għal pagament uniku, peress li din it-talba ma kinitx tipprevedi lit-trobbija tal-annimali iżda l-manutenzjoni tal-artijiet permezz tar-ragħa, bl-użu tal-annimali. L-APIA, minn naħa tagħha, talbet sabiex dan l-appell jiġi miċħud.

[13] Skont il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Dolj, b'mod partikolari, minn naħa, Avio Lucos ma hijiex assoċjazzjoni/organizzazzjoni lokali li għandha s-sede tagħha f'Podari, li għandha bħala s-suġġett tal-attività tagħha t-trobbija tal-annimali iżda kumpannija kummerċjali li għandha s-sede tagħha f'lokalità differenti minn dik fejn tinsab ir-ragħa attribwita b'konċessjoni u, min-naħa l-oħra l-kuntratt ta' konċessjoni konkluż mal-Kunsill Lokali tal-Komun ta' Podari kien ingħata direttament illegalment, mingħajr sejħa għal offerti.

[14] Skont il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Dolj, mir-Reġistru Nazzjonali tal-Impriżi ma jirriżultax li kien hemm ċediment effettiv tal-annimali, fis-sens li l-kuntratti ta' self għal użu, li huma kuntratti reali, ma jkunux validi.

29. Il-qorti tar-rinviju tenfasizza li, skont il-kliem tal-Artikolu 4(1)(a) u (c), tar-Regolament Nru 1307/2013, taqa' speċifikament fil-kunċett ta' "bidwi", persuna fiżika jew ġuridika li teżerċita "attività agrikola", li tista' tikkonsisti, skont l-Artikolu 4(1)(c)(iii) ta' dan ir-regolament, fl-eżerċizzju ta' attività minima, iddefinita mill-Istati Membri fuq is-superfiċji agrikoli naturalment ppreżervati fi stat li jrenduhom adattati għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni. Fir-rigward ta' tali attività minima, l-Artikolu 4(2) tal-imsemmi regolament iħalli għall-Istati Membri l-possibbiltà sabiex jiddefinixxuha. Issa, il-leġiżlatur Rumen kien ippreveda, f'dan ir-rigward, li l-attività agrikola għandha titwettaq bl-annimali mrobbija mill-bidwi stess, u eskluda l-għoti ta' għajnuna finanzjarja għal kwalunkwe persuna ġuridika jew fiżika li teżerċita lil din l-attività permezz ta' intermedjazzjoni, li, skont l-APIA, kien il-każ ta' Avio Lucos.

30. Din il-qorti tixtieq issir taf jekk l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1307/2013 jipprekludix tali leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi li l-attività minima li għandha tiġi eżerċitata fuq is-superfiċji agrikoli tikkonsisti fir-ragħa mill-annimali mrobbija mill-bidwi. Fil-każ fejn id-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix tali leġiżlazzjoni, l-imsemmija qorti tistaqsi fuq il-punt sabiex isir magħruf jekk l-Artikolu 4(1)(a) u (c), kif ukoll l-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 1307/2013 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li hija "bidwi attiv" persuna ġuridika li kkonkludiet kuntratt ta' konċessjoni, bħal fil-kawża inkwistjoni, li żżomm xi annimali fuq il-bażi ta' kuntratti ta' self għal użu konklużi ma' persuni fiżiċi mingħajr ħlas. Barra minn hekk, peress li Avio Lucos issodisfat, minn perspettiva formali, il-kriterji ta' ammissibbiltà previsti mid-dritt nazzjonali, l-istess qorti tistaqsi jekk il-konklużjoni ta' kuntratt ta' konċessjoni u ta' kuntratti ta' self, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali jistgħux jaqgħu fil-kunċett ta' "kundizzjonijiet li nħolqu artifiċjalment", previst fl-Artikolu 60 tar-Regolament Nru 1306/2013.

31. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Ir-Regolament [Nru 1307/2013] jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi li l-attività minima li għandha titwettaq fuq superfiċji agrikola normalment miżmuma f'kundizzjoni xierqa għall-mergħa hija li jirgħu l-annimali mrobbija mill-bidwi?

2) Sakemm id-dritt [tal-Unjoni] ċċitat iktar 'il fuq ma jipprekludix il-leġiżlazzjoni nazzjonali msemmija fl-ewwel domanda, id-dispożizzjonijiet rispettivi tal-Artikolu 4(l)(a) u (c), u tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 1307/2013 jistgħu jiġu interpretati fis-sens li "bidwi attiv" jista' jitqies bħala persuna ġuridika li kkonkludiet kuntratt ta' konċessjoni f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali u li għandha annimali fuq il-bażi ta' kuntratt ta' self għall-użu konkluż ma' persuni fiżiċi, li permezz tiegħu min isellef jafda lil min jissellef, bla ħlas, l-annimali li għandu fil-kwalità tiegħu ta' proprjetarju, bl-iskop li jintużaw għar-ragħa, fis-superfiċji agrikoli intiżi għar-ragħa pprovduti lil min jissellef u matul il-perijodi ta' żmien innegozjati?

3) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 60 tar-Regolament [Nru 1306/2013] għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-kundizzjonijiet artifiċjali huma maħsuba sabiex jinkludu wkoll il-każ ta' kuntratt ta' konċessjoni u ftehim ta' self għall-użu bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali?"

32. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati minn Avio Lucos, l-APIA u l-APIA Dolj, mill-Gvern Ċek u dak Rumen kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea.

33. Il-Qorti tal-Ġustizzja, konformement mal-Artikolu 76(2) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, iddeċidiet li tagħti deċiżjoni mingħajr seduta għas-sottomissjonijiet orali. Permezz ta' ittri mibgħuta fl-24 ta' Frar 2021, il-Qorti tal-Ġustizzja bagħtet lil qorti tar-rinviju talba għal kjarifiki, li hija rrispondiet, u għamlet xi mistoqsijiet permezz ta' risposta bil-miktub lill-partijiet fil-kawża prinċipali, lill-Gvern Rumen u lill-Kummissjoni, li rrispondew fit-terminu impost.

## IV. Analiżi

### *A. Fuq l-ewwel domanda preliminari*

34. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk ir-Regolament Nru 1307/2013 jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi li l-attività minima li għandha tiġi eżerċitata fuq is-superfiċji agrikoli miżmuma b'mod naturali fi stat adatt għar-ragħa, għandha tikkonsisti f'ragħa minn annimali mrobbija mill-bidwi.

35. Preliminarjament, inqis li jkun utli li jitwettqu xi kjarifiki fuq il-portata ta' din l-ewwel domanda.

36. Qabel kollox, għandu jiġi kkonstatat li, fir-rigward tal-formulazzjoni tal-imsemmija domanda, u minkejja l-fatt li l-qorti tar-rinviju tirreferi b'mod ġeneriku għar-Regolament Nru 1307/2013, jidher li din l-istess domanda tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament, u speċifikament, tal-paragrafu (1)(c)(iii) u l-paragrafu (2)(b) tiegħu. Fil-fatt, minbarra l-fatt li l-imsemmija qorti tirreferi speċifikament għal dawn id-dispożizzjonijiet fir-raġunijiet tagħha għat-talba għal deċiżjoni preliminari, il-leġiżlazzjoni applikabbli, li tipprevedi li ragħa għandha tiġi eżerċitata bl-assigurazzjoni ta' densità minimi rikjesta bl-annimali mrobbija mill-bidwi, skont l-indikazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju u tal-Gvern Rumen, ġiet adottata fil-kuntest tad-definizzjoni, mir-Rumanija, tal-attività minima li għandha tiġi eżerċitata fuq is-superfiċji agrikola, konformement mal-Artikolu 4(2) tal-imsemmi regolament.

37. Sussegwentement, hekk kif dan ġie kkonfermat mill-Gvern Rumen, l-espressjoni "superfiċji agrikoli miżmuma b'mod naturali" li tissemma fl-ewwel domanda u li tuża l-formulazzjoni tal-Artikolu 2(2) tal-OUG Nru 3/2015, għandha tinftiehem bħala sinonima tal-espressjoni "erjas agrikoli li huma miżmuma b'mod naturali", li tidher fl-Artikolu 4(1)(c)(iii) u l-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament Nru 1307/2013.

38. Fl-aħħar, għandu jiġi osservat li l-espressjoni "annimali mrobbija mill-bidwi", li tidher fil-kliem tal-ewwel domanda u li tirreferi għall-kunċett ta' "trobbija" previst fl-Artikolu 2(2) tal-OUG Nru 3/2015, ma hijiex iddefinita fid-dritt nazzjonali. Skont l-ispjegazzjonijiet tal-Gvern Rumen, il-kunċett ta' "annimali mrobbija mill-bidwi", jikkoinċidi kemm mal-kunċett ta' "żamma" ta' annimali, previst fl-Artikolu 8(6) tal-OUG Nru 3/2015, kif ukoll ma' dak ta' "min iżomm l-annimali", previst fl-Artikolu 2(m) tal-Ordni Nru 619/2015. Għaldaqstant, permezz tal-użu ta' din l-espressjoni, l-enfażi titqiegħed mhux fuq il-proċess ta' trobbija tal-annimali, iżda fuq iż-"żamma" tagħhom. Fil-fatt, fid-dritt nazzjonali, "min iżomm l-annimali" hija persuna li "li għandha l-pussess tal-annimali b'mod permanenti, bħala proprjetarju tal-annimali u/jew proprjetarju tal-impriża tagħhom, u b'mod temporanju, bħala l-persuna responsabbli sabiex tieħu ħsiebhom waqt is-sena li għaliha ssir l-applikazzjoni [...]"[15], li għandha tifsira usa' mill-kunċett ta' "min irabbi l-annimali".

[15] Ara l-Artikolu 2(m) tal-Ordni Nru 619/2015 (punt 18 ta' dawn il-konklużjonijiet).

39. Minn dan isegwi li, permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 4(1)(c)(iii) u l-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament Nru 1307/2013 jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li l-attività minima ta' ragħa għandha tiġi eżerċitata fuq is-superfiċji agrikoli miżmuma b'mod naturali fi stat adatt għal tali ragħha, għandha titwettaq minn annimali miżmuma mill-bidwi nnifsu [16].

40. Konformement ma' ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet li l-leġiżlazzjoni li minnha tagħmel parti, tfittex li tikseb [17].

41. Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-*formulazzjoni* tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1307/2013 imsemmija fil-punt preċedenti, dawn id-dispożizzjonijiet ma jipprevedux speċifikatament li, sabiex taqa' fil-kunċett ta' "attività agrikola", l-attività b'hekk imwettqa, f'dan il-każ ir-ragħa, għandha ssir permezz ta' annimali mrobbija jew miżmuma mill-bidwi nnifsu [18]. Dawn lanqas ma jipprojbixxu dan b'mod espliċitu.

42. Fil-fatt, skont il-kliem tal-Artikolu 4(1)(c)(iii) tar-Regolament Nru 1307/2013, "attività agrikola" tfisser, b'mod partikolari, "it-twettiq ta' attività minima, definita mill-Istati Membri, fuq superfiċji agrikoli li huma miżmuma b'mod naturali fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni". L-istess, abbażi tal-Artikolu 4(2) ta' dan ir-regolament, l-Istati Membri jiddefinixxu, "fejn applikabbli", l-attività minima li għandha titwettaq fuq tali superfiċji. L-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Delega Nru 639/2014 jistabbilixxi l-qafas li jikkonċerna l-attivitajiet minimi billi jippreċiża li "mill-anqas attività annwali [għandha titwettaq]".

43. Bl-eċċezzjoni ta' din il-kundizzjoni, ma huwa previst l-ebda limitu f'dak li jikkonċerna l-portata tal-kunċett ta' "attività agrikola minima", imwettqa fuq is-superfiċji agrikoli miżmuma b'mod naturali fi stat adatt għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni, peress li dan huwa ddefinit mill-Istat Membru kkonċernat. Għaldaqstant, għalkemm il-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq tar-Regolament Nru 1307/2013 jagħtu mingħajr dubju ċerta marġni ta' manuvra lill-Istati Membri sabiex jiddefinixxu l-attività minima li għandha titwettaq, ma jippermettux li tingħata risposta konklużiva għall-kwistjoni sabiex isir magħruf jekk tali marġni jasalx sabiex jippermettilhom li jimponu kundizzjoni li tirrigwarda l-proprjetà, iż-żamma jew it-trobbija tal-annimali li jintużaw għar-ragħa [19].

44. Fit-tieni lok, xi indikazzjonijiet jistgħu jiġu dedotti mill-*kuntest* li fih jinsab l-Artikolu 4(1)(c)(iii) tar-Regolament Nru 1307/2013. B'hekk, ninnota li dan ir-regolament jistabbilixxi, fil-kliem tal-Artikolu 1(b)(i) tiegħu, regoli speċifiċi li jirrigwardaw l-iskema ta' pagament uniku skont is-superfiċji, peress li l-premessa 3 tal-imsemmi regolament tippreċiża li l-"elementi bażiċi kollha" li jirrigwardaw l-pagament tal-appoġġ tal-Unjoni għall-bdiewa

16 L-ewwel domanda preliminari f'din il-kawża għandha xi similaritajiet mat-tieni domanda preliminari fil-Kawża C-116/20. Madankollu, filwaqt li l-ewwel domanda fil-kawża preżenti tirrigwarda l-possibbiltà għall-Istat Membru sabiex jimponi, abbażi tal-eżerċizzju ta' attività minima, obbligu għall-bidwi sabiex jirgħa l-annimali tiegħu stess, it-tieni domanda fil-Kawża C-116/20 hija intiża sabiex tiddetermina jekk tali kundizzjoni tistax tiġi imposta sabiex jiġi konkluż kuntratt ta' konċessjoni, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

17 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Marzu 2021, Staatliches Amt für Landwirtschaft und Umwelt Mittleres Mecklenburg (C-365/19, EU:C:2021:189, punt 27).

18 Din il-konstatazzjoni tapplika wkoll għall-kunċett ta' "attività agrikola" fis-sens tal-Artikolu 2(c) tar-Regolament Nru 73/2009, li ġie ssostitwit bir-Regolament Nru 1307/2013 (ara, punt 78 tal-konklużjonijiet fil-Kawża C-116/20, Avio Lucos).

19 Il-fatt, imsemmi mill-Gvern Rumen u mill-APIA, li l-attivitajiet minimi hekk kif iddefiniti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali kienu ġew innotifikati lill-Kummissjoni jew ukoll li r-Rumanija kienet ġiet suġġetta għal awditu fil-kuntest ta' investigazzjoni li tirrigwarda b'mod partikolari l-pagamenti diretti abbażi tar-Regolamenti Nru 1306/2013 u Nru 1307/2013 ma jidhirlix li huwa determinanti f'dan ir-rigward.

għandhom jiġu inklużi f'dan l-istess regolament. Dan tal-aħħar jistabbilixxi wkoll il-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-pagamenti, li huma intrinsikament marbuta mal-imsemmija elementi bażiċi. Issa, il-kundizzjoni li tipprevedi, li sabiex wieħed jibbenefika mill-pagamenti uniċi skont is-superfiċji, l-attività minima agrikola għandha titwettaq permezz ta' annimali mrobbija mill-bidwi stess, tista' titqies bħala li tikkostitwixxi rekwiżit supplimentari mhux previst mid-dritt tal-Unjoni.

45. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li l-Artikolu 4(3)(b) tar-Regolament Nru 1307/2013 jipprevedi li, sabiex tiżgura ċ-ċertezza legali, il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 70 ta' dan ir-regolament sabiex tistabbilixxi l-qafas li fih l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-attività minima li trid titwettaq, li tfakkar ukoll il-premessa 7 ta' dan ir-regolament. Huwa b'mod partikolari fuq din il-bażi ġuridika li l-Kummissjoni adottat lir-Regolament ta' Delega Nru 639/2014. Madankollu, hekk kif diġà ġie indikat iktar 'il fuq, l-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament ta' delega jippreċiża li l-attività minima li "għandha tkun mill-anqas attività annwali waħda mwettqa minn bidwi", li jidher li jsostni l-interpretazzjoni li tipprovdi li l-attività minima li għandha titwettaq fuq is-superfiċji nnifisha jew il-mod kif ir-ragħa (jew il-kultivazzjoni) tiġi mwettqa, bħalma hija l-impożizzjoni ta' densità minima ta' merħliet jew mowing annwali [20], billi tippreċiża qabel kollox li din l-attività għandha titwettaq "minn bidwi".

46. F'dan ir-rigward, għalkemm huwa minnu li, billi ddefinixxa b'mod uniformi l-kunċett ta' "bidwi", ir-Regolament Nru 1307/2013 ma wettaqx distinzjoni bejn il-bdiewa li huma proprjetarji u dawk li jrabbu l-annimali, jew ukoll bejn dawk li jużaw l-annimali ta' ħaddieħor permezz ta' ftehim ta' self jew ta' kiri, xorta jibqa' l-fatt li l-attività għandha titwettaq mill-bidwi stess, f'dan il-każ "min irabbi l-annimali". Barra minn hekk, il-premessa 16 tar-Regolament ta' Delega Nru 639/2014 tfakkar li d-drittijiet għall-pagament għandhom jingħataw lill-persuna li għandha s-setgħa li tieħu d-deċiżjonijiet, tigbor il-benefiċċji u tieħu r-riskji finanzjarji marbuta mal-attività agrikola fuq l-art li għaliha qed tintalab din l-allokazzjoni [21].

47. F'dan is-sens, ir-rekwiżit li jipprevedi, fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' attività minima ta' ragħa, li d-densità minima għanda tiġi żgurata, b'mod partikolari, permezz ta' "annimali mrobbija mill-bidwi", fis-sens tal-Artikolu 2(2)(d) tal-OUG Nru 3/2015, jidhirli konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1307/2013, sa fejn l-element ta' "trobbija" ma jżidx, essenzjalment, rekwiżit supplimentari li jmur kontra d-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, fir-rigward tal-kunċett ta' "bidwi", fis-sens tar-Regolament Nru 1307/2013 u tal-premessa 16 tar-Regolament ta' Delega Nru 639/2014, għandu jiġi preżunt li l-annimali li jitqegħdu għad-dispożizzjoni għar-ragħa huma normalment miżmuma mill-bidwi li jokkupa l-mergħa inkwistjoni. Madankollu, peress li din hija interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali, hija l-qorti tar-rinviju, li hija biss għandha ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta u tapplika d-dritt nazzjonali, li għandha tivverifika jekk il-kunċett ta' "trobbija ta' annimali", fis-sens tal-Artikolu 2(2)(d) tal-OUG Nru 3/2015, jistax jiġi kkunsidrat bħala koerenti mal-kunċett ta' "bidwi" fis-sens tar-Regolament Nru 1307/2013, moqri fid-dawl tal-premessa 16 tar-Regolament ta' Delega Nru 639/2014.

48. Fit-tielet u l-aħħar lok, *l-għanijiet* imfittxija mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni jidhru li jikkorroboraw il-konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1307/2013. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, abbażi tal-Artikolu 39(1)(b) TFUE, il-PAK

[20] Fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Lulju 2011, Nagy (C-21/10, EU:C:2011:505), il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat bħala konformi mad-dritt tal-Unjoni kundizzjoni ta' densità tal-bhejjem, prevista minn leġiżlazzjoni nazzjonali għall-użu ta' art li tinsab f'ambjent naturali sensittiv bħal mergħa u li għandha l-għan li tippreserva l-abbundanza ta' flora u ta' fawna tal-mergħat, peress li din hija konsistenti mal-għanijiet u r-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni inkwistjoni.

[21] Sentenza tal-14 ta' Ottubru 2010, Landkreis Bad Dürkheim (C-61/09, EU:C:2010:606, punt 50).

għandha bħala għan partikolari li tiżgura dħul xieraq għall-bdiewa, b'mod partikolari billi żżid id-dħul ta' persuni li jwettqu attivitajiet agrikoli[22]. Fil-fatt, il-pagamenti diretti jingħataw lill-bdiewa minħabba l-fatt li huwa lid-dħul ta' dawn tal-aħħar li l-PAK hija intiża sabiex tagħti sostenn. B'dan il-ħsieb, ninnota, l-ewwel, li konformement mal-premessa 10 ta' dan ir-regolament, din tal-aħħar hija intiża sabiex tiżgura mira aħjar ta' appoġġ favur il-bdiewa, sabiex jiġi evitat li din l-għajnuna tingħata lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li l-għan kummerċjali tagħhom ma huwiex, jew huwa biss b'mod insinjifikattiv, marbut mat-twettiq ta' attività agrikola. It-tieni, dan ir-regolament jipprevedi wkoll li jippermetti l-għoti ta' pagamenti diretti lill-bdiewa part-time żgħar billi dawk il-bdiewa jikkontribwixxu direttament għall-vitalità taż-żoni rurali. Fil-fatt, għandu jitfakkar li wieħed mill-għanijiet tal-PAK huwa li tiżgura livell ta' għajxien xieraq għall-popolazzjoni agrikola u li tikkontribwixxi b'hekk għall-konservazzjoni taż-żoni rurali. It-tielet, abbażi tal-premessa 2 tal-imsemmi regolament, wieħed mill-objettivi ċentrali, u wieħed mir-rekwiżiti ewlenin, tar-riforma tal-PAK huwa t-tnaqqis fil-piżijiet amministrattivi.

49. Għaldaqstant, għandu jiġi ddeterminat, b'rigward ta' dawn it-tliet għanijiet, jekk l-issuġġettar ta' kriterju dwar il-persuna responsabbli għat-trobbija jew il-pussess tal-annimali tistax tiġi stabbilita bħala kundizzjoni sabiex wieħed jibbenefika mill-pagamenti uniċi skont is-superfiċji.

50. F'dan ir-rigward, qabel kollox, fir-rigward tal-għan dwar l-aħjar mira ta' appoġġ favur il-bdiewa, il-Gvern Rumen sostna li l-leġiżlatur Rumen kellu, billi adotta l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, bħala għan li jiffaċilita l-aċċess dirett għall-mergħa inkwistjoni għall-ikbar numru possibbli ta' proprjetarji jew ta' pussessuri ta' annimali, u mhux għall-persuni li jeżerċitaw xi attivitajiet agrikoli taħt il-forma ta' intermedjazzjoni. Taħt din il-perspettiva, inqis li l-fatt li l-bidwi għandu jżomm huwa innifsu l-annimali tiegħu jidher li huwa koerenti ma' dan l-għan, sa fejn, sakemm ma jkunx hemm prova kuntrarja, l-aspett ta' distribuzzjoni mill-ġdid ta' appoġġ huwa limitat meta bidwi li ma jżommx l-annimali tiegħu stess jirċievi pagament uniku li jibbenefikaw minnu b'mod inċidentali biss lill-bdiewa li jsellfu l-annimali tagħhom. Barra minn hekk, meta bidwi juża l-annimali li huma l-proprjetà ta' persuni li jsellfu, ma jkollu, normalment, l-ebda riskju jew obbligu li jirriżultaw normalment mill-attività ta' trobbija ta' annimali.

51. Sussegwentement, għandu jiġu nnotat li dawn l-istess kunsiderazzjonijiet huma validi wkoll fir-rigward tal-għan li jiġi żgurat livell ta' għajxien xieraq għall-popolazzjoni agrikola u li jkun hemm kontribuzzjoni b'hekk għall-konservazzjoni ta' żoni rurali għalkemm, għal dan l-aħħar għan, tali konservazzjoni tista' tkun żgurata wkoll meta l-applikant għall-għajnuna juża annimali li jappartjenu lill-persuni li jsellfu[23].

52. Fl-aħħar, fir-rigward tal-għan ta' tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkunsidrat li la r-Regolament Nru 1307/2013, u lanqas ebda leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni ma jirrikjedu li titolu ta' proprjetà jew kwalunkwe prova ta' dritt ta' użu jiġu ppreżentati insostenn ta' applikazzjoni għall-allokazzjoni ta' drittijiet għall-pagament sabiex jiġi stabbilit li l-ettari eliġibbli ddikjarati huma għad-dispożizzjoni tal-applikant. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet f'dan ir-rigward li l-Istati Membri għandhom marġni diskrezzjonali f'dak li jirrigwarda d-dokumenti ta' sostenn u l-provi li għandhom jiġu mitluba mingħand applikant għal għajnuna[24]. Madankollu, l-eżerċizzju mill-Istati Membri tal-marġni ta' diskrezzjoni tagħhom dwar il-provi li għandhom jitressqu insostenn tal-applikazzjoni għall-għajnuna, b'mod partikolari fir-rigward tal-possibbiltà li applikant ikun obbligat jippreżenta

22 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Kokott fil-kawża Unió de Pagesos de Catalunya (C-197/10, EU:C:2011:464, punt 1).

23 Ara, f'dan is-sens, il-punt 78 tal-konklużjonijiet fil-Kawża C-116/20, Avio Lucos.

24 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020, Land Berlin (Drittijiet għall-pagament marbuta mal-PAK) (C-216/19, EU:C:2020:1046, punti 34 sa 37).

titolu legali validu li jiġġustifika d-dritt tiegħu li juża s-superfiċji tal-mergħa li huma s-suġġett tal-applikazzjoni tiegħu, għandu jirrispetta l-għanijiet intiżi mill-leġiżlazzjoni tal-Unjoni kkonċernata u l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-prinċipju ta' proporzjonalità[25]. F'dan is-sens, u b'analoġija, ir-rekwiżit ta' prova li l-applikant għall-għajnuna huwa huwa stess il-persuna li trabbi l-annimali tista' titqies bħala "piż amministrattiv", li, madankollu, jidhirli xorta waħda kompletament kompatibbli u proporzjonat maż-żewġ għanijiet preċedenti, u partikolarment dak li jiġi ffaċilitat l-aċċess dirett għall-mergħat inkwistjoni għall-ikbar numru possibbli ta' bdiewa li jżommu l-annimali. Fil-fatt, jidhirli li ma jeżistux mezzi oħra inqas restrittivi sabiex jiġi vverifikat jekk applikant qed jaġixxi fir-realtà bħala intermedjarju u għaldaqstant bħala impriża kummerċjali fejn l-attività tagħha hija marbuta ma' attività agrikola b'mod insinjifikattiv biss.

53. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għall-ewwel domanda preliminari li l-Artikolu 4(1)(c)(iii) u l-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament Nru 1307/2013 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux, bħala prinċipju, leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li l-attività minima ta' ragħa li għandha titwettaq fuq is-superfiċji agrikoli miżmuma b'mod naturali fi stat adatt għal tali ragħa għandha titwettaq permezz tal-annimali miżmuma mill-bidwi stess.

## *B. Fuq it-tieni domanda preliminari*

54. Permezz tat-tieni domanda preliminari tagħha, magħmula fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 4(1)(a) u (c), kif ukoll l-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 1307/2013 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li taqa' fil-kunċett ta' "bidwi attiv", fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet, persuna ġuridika li kkonkludiet kuntratt ta' konċessjoni li jirrigwarda superfiċji ta' ragħa, proprjetà ta' muniċipalità u li, għall-finijiet tar-ragħa ta' din is-superfiċji, tuża annimali mislufa, mingħajr ħlas, minn persuni fiżiċi li huma l-proprjetarji tagħhom.

55. Mill-formulazzjoni tal-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 1307/2013, intitolat "Bidwi attiv", u b'mod partikolari tal-paragrafu 1 tiegħu[26], ma għandu jingħata l-ebda pagament dirett lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, li s-superfiċji agrikoli tagħhom huma fil-biċċa l-kbira żoni miżmuma b'mod naturali fi stat li jagħmilhom tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni u li ma jwettqux fuq dawn is-superfiċji l-attività minima definita mill-Istati Membri skont l-Artikolu 4(2)(b) ta' dan ir-regolament, punt li tevoka wkoll il-premessa 10 tiegħu.

56. Fil-każ inkwistjoni, huwa paċifiku li, is-superfiċji agrikoli inkwistjoni jikkonsistu prinċipalment f'superfiċji agrikoli miżmuma b'mod naturali fi stat adatt għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni, konformement mal-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament Nru 1307/2013. Barra minn hekk, mill-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta b'mod ċar li bidwi li ma jwettaqx fuq dawn is-superfiċji l-attività minima ddefinita mill-Istati Membri, konformement mal-Artikolu 4(1)(c)(iii) ta' dan ir-regolament, ma jistax jiġi kkunsidrat bħala li huwa "bidwi attiv", u għaldaqstant għandu jiġi rrifjutat lilu kull pagament dirett.

25 Sentenza tal-24 ta' Ġunju 2010, Pontini *et* (C-375/08, EU:C:2010:365, punti 82 u 86).

26 Ċertament, l-Artikolu 9(3) tar-Regolament Nru 1307/2013 jipprevedi, barra minn hekk, li l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji, li l-ebda pagament dirett ma għandu jingħata lil persuni li l-attivitajiet agrikoli tagħhom ikunu biss jagħmlu parti insinjifikattiv mill-attivitajiet ekonomiċi ġenerali tagħhom u/jew li l-attività prinċipali jew l-objettivi tal-kumpannija tagħhom ma jikkonsistux fl-eżerċizzju ta' attività agrikola. Madankollu, il-qorti tar-rinviju ma tistaqsix fuq l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

57. Madankollu, tqum il-mistoqsija dwar jekk tista' tikklassifika bħala "bidwi attiv" persuna li ma twettaqx hija stess l-attività minima inkwistjoni permezz tal-annimali tagħha stess, iżda li tuża għal dawn il-finijiet l-annimali li ssellfet mingħajr ħlas mingħand bdiewa oħra.

58. Fl-ewwel lok, għandu jiġi kkonstatat li, bħal fil-kuntest tal-ewwel domanda preliminari, ir-risposta ma tirriżultax mill-*formulazzjoni* tad-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq. Fil-fatt, ċertament, l-Artikolu 9 tal-imsemmi Regolament Nru 1307/2013 jipprevedi li jkunu esklużi mill-pagament dirett, b'mod partikolari, skont il-paragrafu (3) tiegħu, il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi "a) li l-attivitajiet agrikoli tagħhom ikunu biss jagħmlu parti insinjifikanti mill-attivitajiet ekonomiċi ġenerali tagħhom; u/jew, b) li l-attività prinċipali jew l-objettivi tal-kumpannija tagħhom ma jikkonsistux fl-eżerċizzju ta' attività agrikola". Madankollu, dan il-paragrafu ma jistax jiġi interpretat fis-sens li jeskludi mill-benefiċċju tal-pagamenti diretti l-persuni fiżiċi jew morali li jużaw annimali mislufa għall-finijiet ta' attività minima ta' ragħa.

59. Fit-tieni lok, il-*kuntest* li fih jaqa' l-imsemmi paragrafu jipprovdi xi riferimenti utli. B'hekk, taħt l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament Nru 1307/2013, il-kunċett ta' "bidwi" jirreferi għal persuna "li l-*impriża* tiegħu/tagħhom tkun fl-ambitu territorjali tat-Trattati [...] u li jeżerċita attività agrikola"[27].

60. Issa, l-kunċett ta' "impriża" huwa ddefinit, fl-Artikolu 4(1)(b) ta' dan ir-regolament, bħala "l-unitajiet kollha użati għall-attivitajiet agrikoli *mmexxija minn bidwi* [...]"[28]. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, fir-rigward tas-superfiċji agrikoli, li dawn huma parti mill-impriża tal-bidwi "meta dan tal-aħħar ikollu s-setgħa li jmexxi dawn għall-finijiet tal-eżerċizzju ta' attività agrikola, jiġifieri meta dan tal-aħħar ikollu, fir-rigward ta' dawn iż-żoni, awtonomija suffiċjenti għall-finijiet tal-eżerċizzju tal-attività agrikola tiegħu"[29].

61. F'dan il-kuntest, tista' ssir il-mistoqsija jekk annimali mislufa, mingħajr ħlas, minn persuni fiżiċi li huma proprjetarji lil persuna ġuridika li tillimita riħa sabiex tqiegħed għad-dispożizzjoni tagħhom superfiċji ta' mergħa għall-finijiet ta' ragħa, jistgħux jiġu kkunsidrati bħala li jaqgħu fl-"impriża" ta' dan il-bidwi.

62. Inqis li r-risposta li għandha tingħata lil din id-domanda tvarja skont il-kuntest fattwali, u b'mod partikolari mill-fatt sabiex isir magħruf jekk tali persuna ġuridika għandhiex setgħa ta' deċiżjoni reali billi tassumi r-riskji finanzjarji f'dak li jirrigwarda l-attività agrikola kkonċernata[30].

63. F'dan il-każ, peress li huwa eżami ta' natura purament fattwali, hija l-qorti tar-rinviju, li hija l-unika li għandha ġurisdizzjoni sabiex tikkonstata u tevalwa d-dritt nazzjonali, li għandha tivverifika jekk il-kuntratti ta' komodat jippermettux lil Avio Lucos sabiex iżomm is-setgħa ta' deċiżjoni tagħha u sabiex tassumi r-riskji finanzjarji f'dan li jikkonċerna l-attività minima ta'

27 Korsiv miżjud minni.

28 Korsiv miżjud minni.

29 Sentenza tad-9 ta' Ġunju 2016, Planes Bresco (C-333/15 u C-334/15, EU:C:2016:426, punt 37 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Ninnota wkoll li l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Frar 2015, Agrooikosystimata (C-498/13, EU:C:2015:61, punt 34), indikat li l-kunċetti ta' "l-espressjoni "bidwi", u l-kelma "agrikoltur", għandhom, fil-kuntest tal-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2078/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 dwar metodi ta' produzzjoni agrikola kompatibbli mar-rekwiżiti tal-ħarsien tal-ambjent u taż-żamma tal-kampanja fi stat tajjeb (ĠU 1992, L 215, p. 85), sens ekwivalenti. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tal-Ġustizzja enfassizzat ukoll, f'din is-sentenza, il-kuntest "totalment differenti" li jinsabu fih, minn naħa, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament, u, min-naħa l-oħra, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) tal-Kunsill Nru 1782/2003, tad-29 ta' Settembru 2003, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-[PAK] u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 40, p. 269), li ppreċeda r-Regolament Nru 1307/2013.

30 Ara, f'dan is-sens, il-premessa 16 tar-Regolament ta' Delega Nru 639/2014.

ragħa fuq superfiċji ta' 170.36 ettaru ta' mergħa[31]. Madankollu, applikant li jwettaq attività agrikola b'annimali "mislufa" jista', bħala prinċipju, jiġi kkunsidrat bħala li huwa "bidwi attiv". F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-attività ta' "bidwi attiv" hija suġġetta għall-kundizzjoni li l-applikant għandu fil-pussess tiegħu ettari ammissibbli li huma għad-disponibbiltà tiegħu, kif previst mill-Artikolu 36(5) tar-Regolament Nru 1307/2013. Fi kliem ieħor, il-bidwi għandu jgawdi minn awtonomija suffiċjenti għall-finijiet tal-eżerċizzju tal-attività agrikola tiegħu[32], fis-sens li l-eżerċizzju ta' attività b'annimali mislufa ma għandhiex ikollha bħala effett li ċċaħħad lil dan il-bidwi minn kull setgħa ta' deċiżjoni, f'dak li jikkonċerna l-attività agrikola.

64. Fit-tielet u l-aħħar lok, fir-rigward tal-għan previst mill-Artikolu 4(1)(a) u (c), kif ukoll l-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 1307/2013, għandu jitfakkar li l-PAK għandha b'mod partikolari l-għan sabiex tiżgura dħul xieraq għall-bdiewa, pereżempju, billi żżid id-dħul ta' persuni li jwettqu attivitajiet agrikoli. Fil-fatt, il-pagamenti jingħataw lill-bdiewa minħabba l-fatt li huwa lid-dħul ta' dawn tal-aħħar li l-PAK tipprevedi li tagħti sostenn. F'dan is-sens, id-definizzjoni ta' "bidwi attiv" li tinkludi possibbilment ukoll il-persuni li jwettqu attività li fil-kuntest tagħha jintużaw annimali abbażi ta' kuntratt ta' komodat, ma hijiex, bħala prinċipju, kuntrarja għall-għanijiet tagħha.

65. Issa, huwa permessibbli li jiġi mistoqsi jekk tali għan jistax jintlaħaq jekk, *in fine*, il-benefiċjarju ta' għajnuna diretta ma huwiex il-bidwi li wettaq huwa stess l-attività minima bl-annimali tiegħu, iżda intermedjarju li kkonkluda kuntratt ta' konċessjoni ta' mergħat ma' muniċipalitajiet lokali.

66. F'dan ir-rigward, fid-dawl tal-għanijiet li jidhru fil-premessa 10 tar-Regolament Nru 1307/2013, inqis li, meta l-attività agrikola ma tirriżultax li hija marġinali, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika dan, ma huwiex importanti jekk il-bidwi wettaq l-attività minima bl-annimali tiegħu jew jekk issellifhom.

67. Fid-dawl ta' dak li ntqal qabel, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għat-tieni domanda preliminari li l-Artikolu 4(1)(a) u (c) kif ukoll l-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 1307/2013 għandhom jiġu interpretati fis-sens li taqa' taħt il-kunċett ta' "bidwi attiv", fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet, persuna fiżika jew ġuridika li kkonkludiet kuntratt ta' konċessjoni li jirrigwarda superfiċji ta' mergħa li hija proprjetà ta' muniċipalità u li, għall-finijiet tar-ragħa ta' din is-superfiċji, tuża annimali mislufa minn persuni fiżiċi li huma l-proprjetarji tagħhom, meta din il-persuna taġixxi bħala bidwi, fis-sens tal-Artikolu 4(1)(a) ta' dan ir-regolament, billi żżomm il-kontroll tal-impriża ta' din is-superfiċji, f'dak li jikkonċerna l-ġestjoni, il-benefiċċji u r-riskji finanzjarji.

[31] F'dan ir-rigward, mingħajr ma rrid li nindaħal fil-kompetenzi tal-qorti tar-rinviju, ser nillimita ruħi sabiex nindika, minn naħa, li abbażi tal-kuntratt ta' konċessjoni, li ma kienx mingħajr ħlas, Avio Lucos kienet marbuta sabiex tara li l-art mogħtija b'konċessjoni tintuża għar-ragħa, b'mod effiċjenti, fil-kuntest ta' sistema ta' kontinwità u ta' permanenza. Ukoll, Avio Lucos ma setgħatx iċċedi l-art taħt subkonċessjoni, jew tikri l-art li kienet is-suġġett tal-konċessjoni u kienet marbuta tapplika d-densità minima rikjesta. Min-naħa l-oħra, abbażi tal-kuntratti ta' komodat, Avio Lucos kienet marbuta, bi spejjeż għaliha, sabiex tnaddaf ir-ragħa, tneħħi l-ħaxix ħażin, u telimina l-ilma eċċessiv mill-art, sabiex tiżgura b'hekk l-aħjar kundizzjonijiet għar-restawr tal-mergħat. Għaldaqstant, jidher li jekk Avio Lucos irċeviet benefiċċji ta' ħlas uniku skont is-superfiċji, din tassumi ċertu riskju finanzjarju. Madankollu, ma humiex nieqsa minn rilevanza l-elementi identifikati mill-APIA, bħalma huma l-assenza ta' stabbiliment ta' formolarji dwar il-moviment tal-annimali jew l-assenza tar-reġistrazzjoni tagħhom fir-Reġistru Nazzjonali tal-Impriżi. U dan huwa iktar minnu meta l-Artikolu 68(2) tar-Regolament Nru 1306/2013 jipprevedi, jekk ikun il-każ, li s-sistema integrata ta' ġestjoni u kontroll stabbilita u ġestita minn kull Stat tinkludi sistema ta' identifikazzjoni u ta' reġistrazzjoni tal-annimali.

[32] Sentenza tal-14 ta' Ottubru 2010, Landkreis Bad Dürkheim (C-61/09, EU:C:2010:606, punti 62 u 63).

## C. *Fuq it-tielet domanda preliminari*

68. Permezz tat-tielet domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-konklużjoni ta' kuntratt ta' konċessjoni u ta' kuntratti ta' self, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jistgħux jaqgħu fil-kunċett ta' "kondizzjonijiet li inħolqu artifiċjalment", previst fl-Artikolu 60 tar-Regolament Nru 1306/2013.

69. Skont dan l-Artikolu 60, mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet speċifiċi, ma għandu jingħata ebda vantaġġ previst fil-leġiżlazzjoni agrikola settorjali favur persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jkun nstab li dawn ħolqu artifiċjalment il-kundizzjonijiet rikjesta għall-kisba ta' vantaġġi bħal dawn, li jmur kontra għall-għanijiet ta' din il-leġiżlazzjoni.

70. Fid-dawl tal-kliem tiegħu, l-imsemmi Artikolu 60 li huwa, essenzjalment, repetizzjoni tal-Artikolu 29 tar-Regolament Nru 1782/2003, jinkludi l-kodifikazzjoni tal-ġurisprudenza eżistenti, li tipprevedi li l-partijiet fil-kawża ma jistgħux b'mod qarrieqi jew abbużiv jinvokaw id-dritt tal-Unjoni [33].

71. Fis-sentenza tagħha Slancheva sila [34], li t-tagħlim tagħha jidhirli li jistgħu jiġu trasposti għall-kawża preżenti, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li fil-każ fejn attività tissodisfa formalment il-kriterji ta' eliġibbiltà rikjesti għall-għoti ta' għajnuna [35], il-prova ta' prattika abbużiva min-naħa tal-benefiċjarju potenzjali ta' tali għajnuna teħtieġ, minn naħa, numru ta' ċirkustanzi oġġettivi li minnhom jirriżulta li, minkejja osservanza formali tal-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlazzjoni rilevanti, l-għan imfittex minn din il-leġiżlazzjoni ma ntlaħaqx u, min-naħa l-oħra, element suġġettiv li jikkonsisti fir-rieda li jinkiseb vantaġġ li jirriżulta mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni bil-ħolqien artifiċjali tal-kondizzjonijiet rikjesti għall-ksib tiegħu. Fl-aħħar mill-aħħar, hija l-qorti nazzjonali li għandha twettaq il-verifiki meħtieġa.

72. Inqis li dan il-prinċipju stabbilit sew minn din il-ġurisprudenza jista' jiġi applikat, b'analoġija, fil-kawża preżenti.

73. Fil-fatt, minn naħa, fir-rigward tal-element oġġettiv, għandha ssir referenza għal darba oħra, għall-għan tal-għajnuna inkwistjoni u li jiġi ddeterminat jekk dan l-għan intlaħaqx jew le. F'dan ir-rigward, kemm l-APIA u kemm il-Gvern Rumen enfasizzaw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali kienet intiża li tiżgura li l-attività agrikola hija eżerċitata personalment, pjuttost milli permezz ta' intermedjazzjoni, li jikkorrispondi għal wieħed mill-għanijiet tal-PAK [36]. Issa, il-konklużjoni, minn persuna li ma għandhiex in-numru ta' annimali neċessarju għall-finijiet sabiex twettaq ir-ragħa, ta' kuntratt ta' konċessjoni u ta' komodat bħal dak fil-kawża prinċipali fih innifisha ma tikkostitwixxix kundizzjoni "maħluqa artifiċjalment", fit-tifsira tal-Artikolu 60 tar-Regolament Nru 1306/2013, iżda tista' tiddevja l-pagamenti diretti inkwistjoni minn parti tal-popolazzjoni agrikola, jiġifieri l-persuni fiżiċi li jirgħaw l-annimali tagħhom stess fil-mergħat ikkonċernati.

74. Min-naħa l-oħra, f'dak li jikkonċerna l-element suġġettiv, hemm lok li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-fatti rilevanti kollha ta' dan il-każ sabiex jiġi ddeterminat jekk Avio Lucos kellhiex ir-rieda sabiex tikseb vantaġġ li jirriżulta mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni billi ħolqot

33 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Kokott fil-kawżi magħquda Planes Bresco (C-333/15 u C-334/15, EU:C:2016:159, punt 43 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

34 Sentenza tat-12 ta' Settembru 2013, Slancheva sila (C-434/12, EU:C:2013:546, punti 29 u 30).

35 Din il-kawża kienet tirrigwarda l-appoġġ għall-ħolqien u l-iżvilupp ta' mikro-impriżi abbażi tal-Artikolu 52(a)(ii) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 286M, p. 26).

36 Ara l-punt 50 ta' dawn il-konklużjonijiet.

“artifiċjalment” il-kundizzjonijiet rikjesti għall-kisba tiegħu. Fost dawn tista’ tidher il-konklużjoni, bi ksur tad-dritt nazzjonali applikabbli, tal-kuntratt ta’ konċessjoni jew ukoll tal-konklużjoni tal-kuntratti ta’ komodat li minnhom jirriżulta li hija definittivament il-mergħa li sselfet, u li r-ragħa titwettaq mill-persuni fiżiċi proprjetarji tal-annimali, u mhux minn Avio Lucos.

75. Fid-dawl ta’ dak li ntqal qabel, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għat-tielet domanda preliminari fis-sens li l-konklużjoni, minn persuna fiżika jew ġuridika, ta’ kuntratt ta’ konċessjoni ta’ mergħa ma’ muniċipalità, u s-subkuntrattar tal-attività ta’ ragħa sabiex jingħata pagament dirett abbażi tal-iskema ta’ pagament uniku skont is-superfiċji ma tikkostitwixxix, fiha nnifisha, kundizzjoni li “inħolq[ot] artifiċjalment”, fis-sens tal-Artikolu 60 tar-Regolament Nru 1306/2013, sakemm ma jintweriex, fuq il-bażi tal-elementi rilevanti kollha, li l-għan previst mill-konklużjoni ta’ tali kuntratti kien kuntrarju għall-għanijiet li tfittex li tilħaq il-leġiżlazzjoni agrikola settorjali.

## V. Konklużjoni

76. Fid-dawl ta’ dak li ntqal iktar ‘il fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari magħmula mill-Curtea de Apel Timişoara (il-Qorti ta’ Appell ta’ Timişoara, ir-Rumanija):

1) L’-Artikolu 4(1)(c)(iii) u l-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta’ appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux, bħala prinċipju, leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li l-attività minima ta’ ragħa li għandha titwettaq fuq is-superfiċji agrikoli miżmuma b’mod naturali fi stat adatt għal tali ragħa għandha titwettaq permezz tal-annimali miżmuma mill-bidwi stess.

2) L-Artikolu 4(1)(a) u (c) kif ukoll l-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 1307/2013 għandhom jiġu interpretati fis-sens li taqa’ taħt fil-kunċett ta’ “bidwi attiv”, fis-sens ta’ dawn id-dispożizzjonijiet, persuna fiżika jew ġuridika li kkonkludiet kuntratt ta’ konċessjoni li jirrigwarda superfiċji ta’ mergħa li hija proprjetà ta’ muniċipalità u li, għall-finijiet tar-ragħa ta’ din s-superfiċji, tuża annimali mislufa minn persuni fiżiċi li huma l-proprjetarji tagħhom, meta din il-persuna taġixxi bħala bidwi, fis-sens tal-Artikolu 4(1)(a) ta’ dan ir-regolament, billi żżomm il-kontroll tal-impriża dwar din is-superfiċji, f’dak li jikkonċerna l-ġestjoni, il-benefiċċji u r-riskji finanzjarji.

3) Il-konklużjoni, minn persuna fiżika jew ġuridika, ta’ kuntratt ta’ konċessjoni ta’ mergħa ma’ muniċipalità, u s-subkuntrattar tal-attività ta’ ragħa sabiex jingħata pagament dirett abbażi tal-iskema ta’ pagament uniku skont is-superfiċji ma tikkostitwixxix, fiha nnifisha, kundizzjoni li “inħolq[ot] artifiċjalment”, fis-sens tal-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008, sakemm ma jintweriex, fuq il-bażi tal-elementi rilevanti kollha, li l-għan previst mill-konklużjoni ta’ tali kuntratti kien kuntrarju għall-għanijiet li tfittex li tilħaq il-leġiżlazzjoni agrikola settorjali.